Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 147/2025**

**It-Tlieta, 28 ta’ Ottubru, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa’ ġewwa il-*boardroom* fil-lukanda Kempinski (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m’hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta’ filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Victor Curmi | Sindku, Kunsill Lokali Xagħra |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Sindku, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Noel Formosa | Sindku, Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Philip Cassar | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Ivan Farrugia | Kunsillier, Kunsill Lokali Munxar |

**ASSENTI B’APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria*
Kunsill Lokali Nadur
Kunsill Lokali Xewkija

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Ghasri

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**147.1 Talba.**

147.1.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

**147.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

147.3.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 146 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**147.3 Korrispondenza.**

147.4.1 Ir-Reġjun Għawdex ġie mitlub sabiex jippreżenta CBA (Cost Benefit Analysis) mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar dwar il-proġetti inkonnessjoni mas-Sena tal-Gastronomija 2026. Dan wara li r-Reġjun Għawdex talab għall-fondi sabiex jkunu jistgħu jitwettqu l-proġetti imsemmija fil-"Bid Book" li bih intrebaħ dan it-titlu. Ir-Reġjun Għawdex talab kwotazzjonijiet għal dan is-servizz. Ir-Reġjun ġabar tlett kwotazzjonijiet u għażel l-aktar wieħed vantaġġjuż fl-ammont ta' €4,900 + VAT. Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

147.3.2 Il-President tar-Reġjun, Dr. Samuel Azzopardi nforma lill-membri preżenti dwar il-Food Film Menu Awards li sar f'Għawdex ospitat mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Għal dan il-għan f'dawn il-ġranet ħawn fostna delegati minn madwar id-dinja li qed jattendu għal din l-attivita' tal-IGCAT. Numru minn dawn id-delegati ser jingħaqdu mal-membri preżenti wara din il-laqgħa.

147.3.3 Ġie nnotat li l-meter tad-dawl fil-propjeta tar-Reġjun fi Strada Palma mhux qed jaħdem u għalhekk ir-Reġjun ser jitlob sabiex dan il-meter jinbidel. Il-membri preżenti qablu li dan il-meter għandu jinbidel.

147.3.4 Ġiet iċċirkolata fost il-membri preżenti, il-flyer li ser titqassam lir-residenti kollha ta' Għawdex dwar l-attivita' finali tas-sena Reġjun tal-Kultura 2025. Din ser issir fiċ-Ċittadella nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru fis-7:30 ta' filgħaxija. Fuq in-naħa ta' wara ta' din il-flyer ser ikun hemm informazzjoni dwar is-sistemma GRAS, li t-tnedija tagħha ser issir f'Novembru.

147.3.5 Il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex ġie mitlub bandiera ta' barra tar-Reġjun Għawdex mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija. Il-President staqsa jekk il-Kunsilli għandhomx bandiera tar-Reġjun. Is-Sindki preżenti rrispondew fin-negattiv. Ġie deċiż li kull Kunsill Lokali Għawdxi jingħata bandiera tar-Reġjun Għawdex biex titpoġġa ħdejn il-bnadar tal-Ewropa, Malta u Kunsill Lokali rispettiv. Għal dan il-għan kull Kunsill għandu jibgħat il-qisien tal-bnadar tiegħu kif ukoll jekk għandhomx xi tberfil.

**147.4 Rapport dwar is-Sea Bins.**

147.4.1 Il-Maniġer tal-Ambjent fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Għawdex, is-Sur Nicky Saliba, attenda l-laqgħa biex jagħti aġġornament dwar l-istat tas-"sea bins". Hu qal li meta ġie inkarigat mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex is-sea bins jerġgħu jitniżżlu fil-baħar sab li dawn ma kienux fi stat tajjeb u qabad inġinier biex jgħinu sabiex dawn jitranġaw u jibdew jiffunzjonaw. Iżda, l-inġinier qallu li dawn ma jitranġawx. Il-President talab lis-

Sur Saliba biex iġib din id-dikjarazzjoni bil-miktub. Il-membri preżenti qablu li meta din id-dikjarazzjoni tasal għand ir-Reġjun, dawn għandhom jiġu mnaqqsa minn fuq l-assi tar-Reġjun.

**147.6 <u>Launch tas-Software GRAS (Gozo Regional Apps Services).</u>**

147.5.1 Il-President informa lill-membri li t-tnedija tal-applikazzjoni GRAS ser issir nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru 2026 fil-Gozo Innovation Hub. Din l-applikazzjoni ser tagħmilha aktar faċli sabiex il-pubbliku ikun jista' jirrapporta bozoz li ma jkunux jixgħelu kif ukoll idaħħal direttament ilmenti ta' nuqqas ta' ġbir tal-iskart kif ikun skedat għal dik il-ġurnata. B'din l-APP ser ikun hemm log tal-ilmenti kollha li jidħlu, speċjalment tal-iskart u ser tiffaċilita' il-ħidma tal-Kunsilli peress li l-ilmenti tal-bozoz li huma responsabbiltà' tar-Reġjun ser jidħlu direttament lir-Reġjun. Is-Sindku ta' Ta' Kerċem, is-Sur Mario Azzopardi staqsa x'jista' issir fil-każijiet meta tinħareġ il-borża taż-żibel li ma tkunx skedata biex tinġabar. Il-President qal li f'dawn il-każijiet ser ikun hemm log li jista jintbagħat lil ERA mill-Kunsill u fl-istess ħin. Il-President irringrazzja lill-Maniġers Peter Ray Said u Baskal Saliba għal ħidma tagħhom sabiex din l-app setgħet issir. Is-Sindku ta' San Lawrenz qal li l-Kunsill ta' San Lawrenz ukoll qed jaħdem fuq sistema simili u staqsa jekk l-APP ta' San Lawrenz tistax tiġi integrata ma' tar-Reġjun. Tkun aktar faċli jekk tintuża l-applikazzjoni tar-Reġjun.

**147.6 <u>Milied Solidali.</u>**

147.6.1 Għal darb' oħra kien hemm qbil li l-inizzjattiva ta' Milied Solidali terġa' tiġi organizzata mill-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex. Din l-inizzjattiva hija waħda li tingħata Ikla tal-Milied lil dawk l-Anzjani jew morda jew persuni vulnerabbli oħra li jgħixu waħedhom jew koppji anzjani li ma għandhomx min isajrilhom, u li din l-ikla titwasslilhom fil-post fejn jgħixu fil-ġurnata tal-Milied. Kif kien ġie deċiż fl-laqgħa preċedenti, ser jingħata wkoll ktieb lil kull dar ta' dawk miktubin. Il-ktieb huwa "Gozo 10 - The 100th Anniversary of the Gozo Bus Industry – 1925 to 2025". Dettalji ser jintbagħtu lill-Kunsilli Lokali.

**147.7 <u>Materji Oħra.</u>**

147.7.1 Diversi Sindki ilmentaw dwar is-servizz mogħti minn Green MT fil-bring-in sites. Il-President informa lis-Sindki li r-Reġjun mhux involut f'dan is-servizz. L-ilmenti huma varji li jinkludu nuqqas ta' tbattil tal-iskips, nuqqas ta' CCTV's u tindif madwar l-istess bins. Peress li f'Għawdex hemm biss kuntrattur wieħed (u din id-deċiżjoni ttieħdet mill-Gvern Ċentrali) l-Kunsilli qegħdin totalment fil-ħniena tal-Green MT f'dan ir-rigward. Ir-Reġjun m'għandux kopji tal-kuntratti li saru individwalment mal-Kunsilli Lokali u ma jafx x'hemm f'dawn il-kuntratti. Is-Sindki qablu li għandha tintbagħat korrispondenza lid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali dwar dawn l-ilmenti.

147.7.2 Saru diversi ilmenti dwar it-tnaqqis tal-Baġit tal-Kunsilli Lokali tat-2026, li jammonta għal 6 miljuni ewro. Is-Sindku ta' San Lawrenz, is-Sur Noel Formosa qal li l-Kunsilli ġew kif kienu 10-15 il-sena ilu. Is-Sindku tax-Xagħra, is-Sur Victor Curmi, qal li aħjar nistennew id-diskussjonijiet li qed isiru fil-Parlament qabel ma tintbagħat xi korrispondenza. Kompla jgħid li jista' jkun li t-tnaqqis mhux direttament mill-Kunsilli Lokali iżda minn tal-Ministeru. Iżda, is-Sindki u membri l-oħra preżenti talbu sabiex tintbagħat korrispondenza lid-DG tal-Gvern Lokali dwar it-tnaqqis ta' dan il-Line Item.

146.7.3 Is-Sindku tal-Qala, s-Sur Paul Buttigieg ġibed l-attenzjoni dwar it-tibdil fir-regolamenti tal-Health and Safety fuq siti tax-xogħol. Hu qal li t-tibdil huwa wieħed kbir u hemm bżonn li jkun hemm korsijiet fuq dawn ir-regolamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn it-tip ta' korsijiet ġew offruti minn sorsi varji anke mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli

Lokali. Il-President ġibed l-attenzjoni li għal dawn il-korsijiet mhux ikun hemm konkorrenza.

147.7.4 Il-President tar-Reġjun Għawdex, Dr. Samuel Azzopardi, ġibed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' attendenza tas-Sindki jew rappreżentant tagħhom fl-attivitajiet li saru f'dawn l-aħħar ġimgħatejn. Il-pontifikal ta' Sant Ursola tmexxa minn filgħodu għal filgħaxija mill-E.T. l-Isqof Anton Theuma sabiex jakkomoda lis-Sindki. F'dan il-Pontifikal kien hemm biss sindku wieħed mal-President tar-Reġjun. Fl-attivita' ta' Jum Għawdex, attivita' li ġiet maħluqa mir-Reġjun Għawdex biex tiċċelebra l-importanza li ta' Għawdex fit-tkeċċija tal-Franċiżi, kien hemm biss żewġ Sindki preżenti mal-President. Kien hemm diversi kummenti negattivi saħansitra anke mill-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta. Il-President kompla jgħid li jifhem li kulħadd għandu l-impenji tiegħu iżda din attività ta' darba fis-sena u kull Kunsill Lokali għandu jkun rappreżentat f'dawn l-attivitajiet uffiċjali ta' Reġjun Għawdex.

147.7.5 Is-Sindku taż-Żebbug, is-Sur Baskal Saliba ppropona li jsir kalendarju li jitqassam madwar Għawdex u li fih ikun hemm skeda tal-ġbir tal-iskart anke b' QR code. Il-President fakkar li r-Reġjun għamel l-APP li fuqha hemm kalendarju kif ukoll informazzjoni relatata tal-ġbir tal-iskart. Il-President qal li t-triq il-quddiem huwa diġitalizzazzjoni u mhux bil-karti.

**147.8 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.</u>**

147.8.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 158 li kienet tammonta għal €357,721.24.

**147.9 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.</u>**

147.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:40 u ġiet skedata għal nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru fis-6:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |